MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-10 ta' April, 2019

Rikors Maħluf Numru 990/2018 LM

**Mario Sammut (Karta tal-Identità: 301255M) u**
**martu Mary Doris Sammut (Karta tal-identità: 958550M)**

**vs.**

**Joseph Camilleri (Karta tal-Identità: 209050M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Mario Sammut** (Karta tal-Identità: 301255M) u martu **Mary Doris Sammut** (Karta tal-Identità: 958550M), datat 9 ta' Ottubru, 2019 fejn qalu s-segwenti:

> *Illi dan ir-rikors qed isir a tenur tal-artikolu 258 u 259 ta' Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *Illi permezz ta' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' April, 2015 950/2015 mogħtija mill-Imħallef Anthony Ellul LL.D ir-rikorrenti gew ikkanonizzati kredituri ta' Joseph Camilleri detentur tal-karta tal-identità bin-numru 209050M fl-*

*ammont ta' tliet elef sitt mija u seba' u sebgħin Euro u għoxrin ċenteżmu (€3,677.20) kif ukoll għall-tmenin fil-mija (80%) tal-ispejjeż. (DOK A).*

*Illi minkejja li gie interpellat għall-ħlas, Joseph Camilleri baqa' inadempjenti;*

*Illi Joseph Camilleri miet fit-30 ta' Ottubru 2015. (DOK B);*

*Illi mir-riċerki li saru (DOK Ċ u DOK D) jirriżulta li l-eredità tad-decuius hija regolata minn testment tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) in atti n-Nutar Dottor Joanne Lia LL.D (DOK E) mil-liema testment jirriżulta illi l-eredi universali tad-decuius hija l-mara tieghu Helen Camilleri detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 878750M;*

*Illi minkejja li giet interpellata ghall-ħlas Helen Camilleri baqgħet inadempjenti;*

*Illi kif jirriżulta mill-anness affidavit tar-rikorrenti Mario Sammut (DOK F) il-kreditu u l-ispejjeż skont is-sentenza tad-29 ta' April, 2015 għadu dovut;*

*Illi ssir riferenza għas-sentenza tal-10 ta' Mejju, 2018 tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija mill-Imħallef Lorraine Schembri Orland 292/2018 (DOK Ġ) fejn ir-rikorrenti intavolaw rikors ai termini tal-artikolu 259 (1) fuq l-istess mertu ta' dan ir-Rikors li ntlaqa' mill-Qorti u dan anki in vista tal-ammissjoni mill-eredi ta' Joseph Camilleri, Helen Camilleri. Illi rriżulta illi fir-rikors promotur kien hemm żball fid-data tas-sentenza Rik. Ġur. 950/2012 AE, b'konsegwenza illi minkejja illi ntlaqa' r-rikors is-sentenza ma* (recte) *kinitx esegwibbli;*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 259 (1) sabiex jenforzaw it-titolu eżekuttiv naxxenti mis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' April, 2015 mogħtija mill-Imħallef Anthony Ellul LL.D kontra l-eredi tad-deciuis u ċioè Helen Camilleri u dan taht il-kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat li din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tas-26 ta' Novembru, 2018.

Rat illi minkejja li Helen Camilleri (KI 878750M) kienet debitament notifikata bir-rikors promotur bil-mezz tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni, hija ma ppreżentatx risposta u naqset milli tidher għas-smigħ.

Rat il-provi prodotti mir-rikorrenti.

Rat l-*affidavit* tar-rikorrent **Mario Sammut**[1] fejn qal illi wara s-sentenza tad-29 ta’ April, 2015, permezz tal-avukat tiegħu huwa kien kiteb lil Joseph Camilleri u lil Helen Camilleri sabiex iħallsu dak dovut, imma dawn baqgħu ma ħallsu xejn mill-ammont ta' €3,677.20 kif ukoll mit-80% tal-ispejjeż kanonizzati favur ir-rikorrenti bħala kredituri bl-imsemmija sentenza tal-Imħallef Anthony Ellul tad-29 ta' April, 2015.

Waqt l-udjenza tat-3 ta’ April, 2019 semgħet ix-xhieda tar-rikorrent **Mario Sammut**[2] fejn ikkonferma bil-ġurament li sa dakinhar baqa’ ma tħallas xejn mill-ammont kanonizzat bl-imsemmija sentenza tad-29 ta’ April, 2015.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ April, 2019 fejn din il-proċedura tħalliet għas-seduta tal-10 ta’ April, 2019 għall-provvediment.

**Ikkonsidrat:**

Illi dan hu rikors *ai termini* tal-artikolu 259(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta mogħtija fid-29 ta' April, 2015 kontra l-werrieta tad-debitur Joseph Camilleri.

L-imsemmi subartikolu jipprovdi:

> “259. (1) Ir-rikors imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan hu dejjem meħtieġ, meta l-esekuzzjoni tintalab kontra l-werrieta tad-debitur, ukoll jekk ma jkunx għadda ż-żmien imsemmi fl-imsemmi artikolu."

[1] *A fol.* 19 tal-proċess.
[2] *A fol.* 50 tal-proċess.

Illi jirrizulta mill-atti esebiti li Joseph Camilleri miet fit-30 ta' Ottubru, 2015 u li Helen Camilleri, armla ta' Joseph Camilleri, hija l-unika werrieta tiegħu.[3] Inoltre mhuwiex kontestat li l-imsemmija sentenza għaddiet in ġudikat.

Illi permezz tar-rikors promotur il-Qorti qiegħda tiġi mitluba tawtorizza l-eżegwibbilità ta' sentenza fil-konfront tal-werrieta tad-debitur, minkejja li t-terminu stabbilit għall-eżekuzzjoni tas-sentenza għadu m'għaddiex.

Tqis illi fejn d-debitur ikun għadu ħaj, il-liġi teżiġi li l-eżegwibilità ta' titolu eżekuttiv għandha tiġi riavvivata permezz tal-awtorizzazzjoni tal-Qorti ladarba jkun għadda t-terminu stabbilit mil-liġi għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv. Imma fejn id-debitur ikun ġie nieqes, il-liġi tippreskrivi li din il-proċedura dejjem għandha ssir, kontra l-eredi tad-debitur, anki jekk it-terminu stabbilit mil-liġi għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv ikun għadu m'għaddiex.

Tqis ukoll li ġie ritenut mill-Qrati tagħna, li fi proċeduri *ai termini* tal-artikolu 258 tal-Kap. 12 fejn tintalab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tiġi riavvivata l-eżegwibbilità ta' titolu eżekuttiv meta jkun għadda t-terminu ta' żmien stabbilit mil-liġi għall-eżekuzzjoni tiegħu, l-eżerċizzju li jrid isir mill-Qorti huwa biss wieħed ta' verifika u ċertament mhux li ssir il-kanonizzazzjoni u l-komputazzjoni mill-ġdid tal-bilanċ dovut.

Illi fil-każ odjern, kulma għandha tagħmel il-Qorti hija li taċċerta ruħha jekk jeżistix titolu eżekuttiv abbażi tal-artikolu 253(b) tal-Kap. 12, jekk id-debitu jew parti minnu għadux dovut u dwar min huma l-werrieta tad-debitur. Jekk dawn

[3] Ara r-raba' artikolu tal-aħħar testment *unica charta* tal-konjuġi Camilleri, *a fol.* 14.

il-kweżiti jkunu sodisfatti, jiskatta d-dritt tar-rikorrenti li t-titolu tagħhom jiġi mġedded u jerġa' jiġi reż eżekuttiv permezz tal-awtorizzazzjoni tal-Qorti.

Illi l-proċedura odjerna hija maħsuba sabiex ssir il-verifika li għad hemm obbligazzjoni ta' ħlas min-naħa tal-werrieta tad-debitur u l-Qorti m'għandhiex tidħol f'ebda konteġġi. Fil-każ odjern ir-rikorrent ikkonferma li d-debitu għadu dovut u l-werrieta ma rreġistrat l-ebda oppożizzjoni għat-talba tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant tqis li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi milqugħa.

**Decide**

**Illi għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti *ai termini* tal-artikolu 259(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tawtorizzahom sabiex jenforzaw it-titolu eżekuttiv naxxenti mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' April, 2015, mogħtija mill-Onor. Imħallef Anthony Ellul LL.D, kontra l-eredi tad-debitur Joseph Camilleri u ċioè Helen Camilleri, detentriċi tal-Karta tal-Identità 878750M.**

**L-ispejjeż jitħallsu minn Helen Camilleri bħala l-unika werrieta ta' Joseph Camilleri.**

Moqrija.